MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 57

22 ta' Frar 2023

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.34pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal *online* jew ġie fuq il-post fil-ħin.

## 57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

57.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kellhiex ittri t'apoloġiji.

## 57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

57.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 57 ġew approvati.

## 57.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

57.3.1 *Monti*

Is-Sur Cordina qal li kellhom xi problemi bil-Monti ta' Ta' Qali. Qal li qed isiru xi xogħlijiet u bi svista mid-dehra id-Dipartiment nesa l-Monti u nesew jirrilokawhom post ieħor. Kellu jidħol fil-biċċa l-Ministru Zrinzo Azzopardi, fejn anka kiteb personalment lill-Kunsill għax ħaseb li l-Kunsill mhux qed jaqdi d-doveri tiegħu. Is-Sur Cordina qal li nzerta kellu n-numru tac-*Chief of Staff* li kien kordjali biżżejjed li għadda l-messagg u l-Ministru ċempel lura fejn deher biċ-ċar li ma kienx ġie mgħarraf bl-istorja kollha, talab li jintbagħtlu dak li l-Kunsill xtaq li jsir biex jgħinu lill-bejjiegħa.

57.3.2 *Uffiċċini*

Is-Sur Cordina qal li kemm ilu li beda s-*subcontractor* ġdid ix-xogħol reġa' beda miexi u tlesta l-madum. Wera xi ritratti tax-xogħolijiet fejn jidher ċar li sar progress.

L-Avukat Helen Caruana daħlet f'dan il-mument 05.39pm

57.3.3 *Project Green*

Is-Sur Cordina qal li kellhom *business breakfast* fiġs-7.30 ta' filgħodu fejn ġie spjegat il-fond ta' €1,000,000 kif se jitqassam u l-proċess kollu tal-applikazzjoni. Hu qal li hemm maħsuba żewġ proġetti imma li għalissa ma seta' jiżvela xejn u li aktarx 99% l-Kunsill se jibbenefika minn dawn il-fondi wkoll.

57.3.4 *Cycle Lane Tumas Chetcuti*

Is-Sur Cordina qal li kif jiftakru kienu ingħataw ħafna ċitazzjonijiet għax kienu pparkjati fuq is-*cycle lane* bil-lejl. Qal li kien irċieva imejl minn Infrastructure Malta li din mhix ħa titranġa. L-Ministru Aaron qal li ma setax jiltaqa' mal-Kunsill imma li l-laqgħa sa ssir mas-Sur Omar Debono Head of Policy. Wera l-pjanta oriġinali ta' kif kienet proposta din il-*lane* u se ssir pressjoni biex

din issir hekk. Qal li l-laqgħa se ssir il-Ġimgħa u li kull min jixtieq jiġi jista' jiġi jkun apprezzat. Iddeċidew li jmorru s-Sur Victor Galea u s-Sur Alex Mangion. Il-Perit Giorgio Schembri se jipprova jmur flok is-Sur Alex Mangion.

57.3.5 **Soċjetà Mużikali La Stella Levantina**

Intalbet għajnuna mingħand din is-Soċjeta' sabiex isir kunċert ta' marċi funebri bi spiża ta' €800 u sabiex jinxtara *drumkit* flok jinkera bi spiża ta' €1,100 u jitrawmu l-aljevi. Is-Soċjetà qalet li kellha wkoll laqgħa kordjali mal-President tar-Reġjun u jixtiequ li jirċievu wkoll l-għajnuna mingħand ir-Reġjun. Is-Sur Cordina qal li tkellem mar-Reġjun u li l-Kunċert aktarx se jiġi iffinanzjat minnhom. Qal ukoll li hemm €3,000 oħra tar-Reġjun u sabiex tingħata din l-għajnuna propona li dawn jinqasmu €1,100 Soċjetà Mużikali, €1,100 il-każin l-ieħor u €800 lill-iScouts. Is-Sur Cordina qal li jistgħu jibbenefikaw mill-fondi dawk kollha li għandhom VO *number* u li s'issa Subbuteo Club u Football Club m'għandhomx. Fl-iskeda hemm imniżżel il-flejjes tas-sena l-oħra u dawn ta' din is-sena. Is-Sur Bonnici qal li jekk ikun hemm iktar skemi jistgħu jaraw min iktar jista' jibbenefika. Kulħadd qabel.

Is-Sur Cordina qal li l-kunċert funebri se jsir fit-30 ta' Marzu 2023.

## 57.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

57.4.1 Is-Sur Victor Galea

- Saqsa fuq id-data tal-inawgurazzjoni tal-Uffiċċini ġodda. Is-Sur Cordina qal li għadu kmieni.
- Ta' parir biex jaħsbu fuq il-lift minn issa għax qed idumu xhur biex jiġu nstallati.

57.4.2 Is-Sur Alex Mangion

- Saqsa fuq is-sistema tal-iskart il-ġdida u jekk din tranġatx? Is-Sur Cordina qal li għad hemm il-problemi. Qal li hemm xi negozji li qed joħorġu l-iskart u jeħlu multa. Is-Sur Cordina qal li l-kummerċjali ma jinġabarx imma ovvjament hemm min ikollu ftit u trid issir distinzjoni, Il-ħwienet il-kbar minn dejjem kellhom arranġamenti privati.

57.4.3 L-Avukat Brincat

- Saqsa fuq Ġnien Misraħ Kola meta se jitkompla. Is-Sur Cordina qal li wasal fil-final.
- Saqsa fuq Triq il-Pitkali fejn ġie nfurmat li din saret bit-tarmak u li din damet 4 jew 5 ġimgħat kollha ħofor. Is-Sur Cordina qal li l-Perita kienet qalet li se jdumu ġimgħatejn imma fil-fatt damu iktar u kull min kellu nċident u rraporta ġew mgħarrfa għand min iridu jissottomettu t-talba għad-danni.

57.4.4 L-Avukat Caruana

- Saqsiet fuq il-ġbir extra. Is-Sur Cordina qal li qed jinġabar biss il-kartun meta jinġabar il-ħġieġ. Is-Sur Bonnici qal li anka ħmieġ tefgħu f'Wied is-Sewda nkluż terrapin kompla jgħid is-Sur Cordina.

57.4.5 Il-Perit Giorgio Schembri

- Xtaq jgħaddi ringrazzjament għax sa fl-aħħar l-area ta' fejn il-briġġ saret u l-proġett ġie konkluż u saret anka s-sinjaletika. Qal li hemm xi affarijiet li jridu jittranġaw, xi ħitan li ntlaqtu imma li dawn huma affariijiet żgħar.
- Qal li tajjeb li tlesta x-xogħol ta' Triq il-Pitkali għax dan piż żejjed imneħħi minn fuq spallejn il-Kunsill.
- Saqsa jekk qatt il-Kunsill tkellimx mal-entitajiet kollha primarjament Infrastructure Malta, rigward il-fatt li Ta' Qali għadda minn fażijiet ta' ħafna proġetti fosthom in-National Park, il-ħafna tħaffir li qed isir għas-servizzi ġodda u li pero' b'mod ħollistiku l-Kunsill ma jafx x'se jsir jew qed isir minħabba li għad hemm xi proġetti jridu jingħalqu u proġetti oħra. Issuġġerixxa li l-Kunsill jara x'inhu jiġri eżatt minħabba li Ta' Qali hu area mportanti għall-Ħ'Attard iżda wkoll għall-inħawi ta' fuq u anka ċ-Ċentru u tajjeb li wieħed jinfurma ruħu. Is-Sur Cordina qal li qabel ma beda dan il-proġett il-Kunsill kien ilu jirraporta toroq imkissrin, nuqqas ta' dawl, il-*gym equipment* imkisser imma s'issa ftit li xejn hemm informazzjoni, Qal li biss biss saru jafu fuq l-għeluq ta' Ta' Qali waqt laqgħa u qed jittama li jkollhom iktar informazzjoni. Is-Sur Giorgio Schembri qal li l-Kunsill għandu dritt ikun jaf meta jingħalqu xi toroq li jimpattaw lill-Ħ'Attard.
- Qal ukoll li wasal iż-żmien li jerġgħu jitkellmu fuq il-briġġ issa li sar ix-xogħol fuq Triq il-Pitkali. Is-Sur Cordina qal li l-briġġ għandu jitkompla u li dan se jkompli kemm jista' jkun malajr.
- Qal ukoll li l-*junction* tal-MFSA kienet xi ħaġa tajba u l-konġestjoni bil-mod qed tonqos u li din qed taħdem għan-nies ta' H'Attard.

## 57.5 Rapporti

57.5.1 **Approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarji Mhux Awditjati 2022**
**Approvazzjoni ta' Rapport ta' Kwart tas-Sena Ottubru – Diċembru 2022**
**Approvazzjoni ta' Business Plan 2023 - 2027**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ċċirkulat l-Estimi tard wara nofsihar. Qalet li fadal xi typo errors imma li b'dispjaċir kbir u din dehret anki mir-rapporti tal-kwart tas-sena, il-Kunsill spiċċa s-sena b'deficit ta' €108258 li primarjament ġejjin minn tenders u xogħolijiet li saru fejn Il-Kunsill ma kellux kontroll fuq il-prezzijiet eċċessivi bħal ġbir ta' skart li ħareġ f'Diċembru 2021 li ra żieda ta' €500 ma' kull ġabra, it-tindif tat-toroq u x-xogħolijiet li saru tal-Info Centre bħal bini mill-ġdid tal-ħajt li l-*commitment* tal-fondi tiegħu ġew f'Jannar 2023. Dawn ħarġu kollha bħalha spiża min-naħa tal-Kunsill u allura ġew riflessi fil-P&L li bazikament dan jiġi mill-fatt li l-Kunsill nefaq iktar flus milli daħħal.

Spjegat fit-tul iċ-ċifri tad-dħul u ħruġ u qalet b'wiċċha il-quddiem li way forward għad m'għandhiex għax qas iċ-ċifra ta'ġbir ta' skart għad m'għandha f'idha. Qalet li xtaqet anka twassal dan lid-Direttorat minħabba li l-allokazzjoni fuq ċertu servizzi ma tantx tista' ġġibhom lura. Il-proġetti hemm min fejn issib fondi ulterjuri bħal meta talbet lis-Sindku jsib fondi olternattivi għall-baned u biex ma joħloqx spejjeż żejda lill-Kunsill u ta' dan irringrazzjatu għax mar b'wiċċu l'quddiem jitlobhom lir-Reġjun.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mal-linji tal-Baġit imxew sew ħlief il-kuntrattwali. IS-Sur Cordina qal li fil-fatt hemm kuntrattur qal li ma jistax jaħdem iktar bil-prezzijiet li tefa'. Kompliet tgħid

li tant qagħdu attenti li l-*Community Services* naqqsuhom drastikament għax sabu sorsi ta' finanzjament oħrajn. Qalet li anka l-*Medical Services* l-istess.

Il-Perit Schembri saqsa jekk din hix se tkun *recurring.* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jrid isir eżerċiżżju ta' *cross cutting.* Fil-fatt kompliet tgħid li l-FSI mhux qiegħed ħażin sa barra u dan sa jwassalha għar-rapport tal-Kwart tas-Sena Ottubru – Diċembru 2022 li hu identitiku għall-estimi finanzjarji. Hi qalet li l-FSI qiegħed 9% u dan jindika li ftit hemm differenza x'tintlaħaq.

Kien għalhekk li talbet reviżjoni tal-Baġit u tal-Business Plan 2023-2027 ukoll sabiex dawn jirriflettu aħjar is-sitwazzjoni finanzjarja. Il-Perit Giorgio saqsa jekk l-Allokazzjoni hix fissa? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din hija fissa għax żieda kull ma kien hemm xi €10,000 li dejjem aħjar minn xejn. Il-Perit Schembri qal li jekk il-problema hi persistenti jridu jittieħdu xi miżuri. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li forsi daqshekk persistenti mhix imma issa jaraw bil-mod u jaħdmu bil-għaqal. Kompliet tgħid li l-fatt li jafu minn fejn ġejjin u jistgħu jaraw minn fejn se jnaqqsu jew iġibu iktar fondi diġa' hu bidu.

Is-Sur Victor Galea saqsa jekk għandhomx x'jaqsmu fondi tal-Uffiċċini. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li le u li l-ispejjeż huma in maġġor parti relatati mal-bini tal-bir u l-Info Centre.

Kulħadd qabel li jiġu approvati.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li wieħed irid iqis li hemm proġetti maġġuri għaddejjin bħall-Uffiċċini, l-Info Centre, Ġnien il-Palma, Tal-Fuklar u dawk tal-Project Green.

## 57.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 57.6.1 <u>Diskussjoni Jum Ħ'Attard</u>

Is-Sur Cordina qal li rċieva messaġġ li l-iScouts mhux se jkunu qed jipparteċipaw minħabba li l-aljevi għadhom żgħar u qed jitgħallmu.

Is-Sur Bartolo beda billi qal li n-nomini ħarġu u li kienu se jagħlqu fit-28 ta' Frar. Hu qal li nomini sal-ġurnata kien hemm tnejn minn ta' qabel u tnejn oħra li hu nfurmat li ġejjin. Hu qal li hu mportanti li mqar ikun hemm 5/6. Qal li bħalha programm se jibda b'quddiesa li se tkun filgħodu u se jqaddisha l-Isqof Galea Curmi u wara filgħaxija se jkun hemm il-kunċert mill-banda La Stella Levantina idderiġuta mill-Maestro Richard Buhagiar li kien ġie Gela. Il-kantanti se jkunu Josephine Ebejer Grech u Ludwig Galea u t-tema se jkun il-*musicals*. Is-Sur Bartolo qal li pruvaw jorganiżżaw il-ftuħ tax-xelter u wirjiet imma dawn għadhom mhux ikkonfermati.

Hu qal li kif jafu hemm il-Bord li se jiddeċiedi fuq Ġieħ Ħ'Attard u l-Kunsill li se jiddeċiedi fuq Unur Ħ'Attard. Qal li fl-ewwel lok xtaq jibdel l-isem tal-unur u minflok isemmieh Unur Kunsill Lokali Ħ'Attard. Hu propona li dan l-Unur Kunsill Lokali Ħ'Attard jingħata lill-armla ta' Joseph Debono tas-Subbuteo Club. Qal ukoll li ġie mistieden il-President u talab kopja tal-ittra li ntbagħtet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-formola qegħda fuq fb f'*google form* u jistgħu japplikaw minn hemm ukoll. Is-Sur Cordina qal li l-applikazzjonijiet għandhom ikunu serji u mhux imqanzħa u li n-nies ikunu ta' kalibru mhux min ġie ġie.

57.6.2 Modifika tal-Kunratt

Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet riferenza għan-nuqqas ta' qbil ix-xahar li għadda fuq il-modifika tal-kuntratt tal-ġbir ta' skart goff. Aċċennat li l-problema hi persistenti u li ġiet monitorjata għall-xahar sħiħ fejn irriżulta li minn 260 ġabra fix-xahar illum, 22 ta' Frar 2023 diġa' hemm kważi 330 ġabra. Qalet li hu ma jistax jaħdem hekk u kien għalhekk li kienet proponiet addendum għall-ammont ta' €500 fix-xahar. Qalet li kellha f'moħħha li jsir addendum għall-50% tal-prezz skont kif jista' jsir fid-dokument tat-tender. Kompliet tgħid li huma kienu argumentaw sew li l-ispiża fis-Sajf taf tonqos imma meta l-kuntrattur qal li hux sa jiġbor iktar minn 10 kuljum l-appuntamenti kollha tal-bieraħ spiċċaw għal ġimgħa. Qalet ukoll li dan mhux sew għax ħa jispiċċaw ibatu r-residenti.

Is-Sur Cordina qal li għalhekk biex jibbilanċjaw il-prezzijiet il-kuntrattur se jibda jitħallas l-ammont ta' € 3.85 eskluż il-VAT kull ġabra l'fuq mill-medja ta' kull xahar, sa massimu ta' €500 addizjonali eskluz il-VAT. Hi kompliet taqra l-modifika tal-kuntratt x'tgħid u li fl-opinjoni tagħha dan hu l-aħjar mod biex jibbilanċjaw il-kwistjoni ġaladarba din ġiet ħabta u sabta.

Kulħadd qabel.

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

## 57.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

57.7.1 L-iskeda ġiet approvata bi proponent is-Sur Remigio Bartolo u sekondanta l-Avukat Caruana

## 57.8 Mozzjonijiet; u

57.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 57.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

57.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.39pm u ġiet aġġornata għat-22 ta' Marzu 2023 fis-5.30pm

Konfermati, illum 22 ta' Marzu 2023.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv